# Il-Konfraternita

## ta' San Publju u tas-S.S. Sagrament

minn E.S. Tonna

Fl-1979 il-ħabib tiegħi Gwido Lanfranco organizza wirja fl-Istitut Kattoliku, l-Furjana dwar il-Konfraternitajiet f'Malta. Kienet wirja grazzjuża ħafna, tara dawk il-fratelli tat-tafal ċkejknin, ċkejknin bil-konfratija u muzzetta ta' kull lewn: min iġorr l-istandard, min il-baldakkin, min bix-xemgħa f'idu f'kelma waħda qisek qed tara purċissjoni għaddejja. Kien hemm konfraternita waħda nieqsa min fost il-parroċċi ta' Malta — dik ta' San Publju u tas-S.S. Sagrament tal-Furjana. Ħafna ħasbu li dan in-nuqqas kien dovut għax din il-Konfraternita ma kenitx teżisti — xejn minn dan u, għalhekk, illum sejier nikteb xi ħaġa dwar din il-Konfraternita' biex nuri l-ħolqien tagħha fl-1833, meta l-Furjana ma kenitx parroċċa.

Ir-rikors biex titwaqqaf konfraternita ta' San Publju fil-Viċi-Parroċċa tas-Subborg Vilhena taħt l-isem ta' l-istess qaddis, sabiex tit-kattar l-imħabba lejn l-Isqof Malti San Publju, flimkien mar-regolamenti jew statut għat-tmexxija u l-buonordni ta' l-istess konfraternita, kien sar fid-29 ta' Novembru 1833 u kien iffirmat minn Dr. Antonio Sammut, Dun Salvatore Farrugia, in-Nutar Fortunato Naudi, il-Prokuratur Legali Franceso Naudi, Dr. Francesco Vassallo u ħmistax-il Promuturi oħra (Kurja Arċiveskovili: Melevitana Dismembrations et Erectionis Novae Paraecial, p. 105).

Dan ir-rikors ġie milqugħ, għannom ta' l-Arċisqof Mons. F.X. Caruana, mill-Arċidjaknu Mons. Salvatore Lanzon, Vigarju Ġenerali u kien fih elenkat l-iskopijiet prinċipali tat-twaqqif tal-Konfraternita, fosthom biex tieħu sehem fil-purċissjoni fit-tielet Ħadd ta' kull xahar (it-Terża) u fil-Vjatku għax kien għadu ma kienx hemm Konfraternita tas-S.S. Sagrament.

Mar-Rikors intbagħat l-Istatut li kien kompost f'disa' Kapitoli, jiġifieri: (i) L-ismijiet tal-Fratelli u Sorelle; (ii) L-ilbies u l-Insinji; (iii) In-numru u l-elezzjoni ta' l-uffiċjali; (iv) id-dmirijiet ta' l-uffiċjali, (jiġifieri 1. tar-Rettur; 2. ta' l-Assistenti; 3. tas-Segretarju; 4. tal-Konsulturi; 5. tal-Prokuraturi; 6, 6. tad-Depostarju (li jżomm l-inventarju); 7. tal-Maestro tan-Novizzi; 8. ta' l-Infermieri; 9. ta' l-Amonitori (tad-dixxiplina); 10. ta' ta' min jerfa' l-Istandard u l-Kruċifiss u 11. tas-Sagristan). (v) Fuq is-Suffraġi; (vi) Dwar l-Opri tajba u ħidmiet ta' ħniena; (vii) Dwar il-purċissjonijiet; (viii) dwar il-Konsulta Ġenerali u (ix) Dwar il-Konsulta Privata. L-Arċidjaknu Mons. Salvatore Lanzon irrikmanda r-Rikors lill-Arċisqof wara li għamel xi tibdil u l-Arċisqof, bid-data tal-11 ta' Diċembru 1833, ħareġ id-digriet meħtieġ li tiegħu il-Kanċillier Mons. Joseph Metropoli bagħat kopja lill-Promoturi. *Ita Est.*

Fit-12 ta' Jannar, 1834 l-Vigarju Ġenerali, Mons Salvatore Lanzon ġie l-Knisja tal-Furjana biex iwaqqaf solennement il-Fratellanza, jipprofessa l-fratelli u s-sorelle u jagħti l-pussess lir-Rettur. L-ewwel Rettur ġie nominat l-istess Vigarju Ġenerali u bħala Assistent tiegħu u biex jagħmilha minn floku, ntagħżel in-Nutar Fortunato Naudi. Tlett ijiem wara ġie pprofessat bħala fratell fil-palazz tiegħu stess, l-Isqof Awżiljarju Mons Publio dei Conti Sant.

Il-ħidma tal-Konfraternita bdiet minnufih u jekk wieħed kellu jeżamina l-inventarju li jinsab fid-dokument imsemmi iktar 'il fuq (p. 107 108 109) wieħed jiskanta kemm *'Suppellettili et Utensili'* irnexxielha takkwista l-Konfraternita, sa mit-twaqqif tagħha, fosthom dak il-kwadru ovali tal-Madonna tal-Grazzja (impitter minn Ant. Falzon) li kien jinsab taħt it-titular u li nqered bil-gwerra.

Iż-żmien tgerbeb. Il-Furjana saret parroċċa fl-1844. Il-popolazzjoni bdiet tikber u tiżdied, laħqet mas-6,000, u għalhekk inħasset il-ħtieġa biex titkabbar il-knisja Parrokkjali. Il-Kappillan Dun Ġwann Vidal (1848-1867) għamel petizzjoni lill-Gvernatur Sir William Reid (1851-1858) biex jixtri medda ta' art 87½ kanna kwadra madwar il-knisja. It-talba ġiet milqugħa fit-22 ta' April 1852 u Sir Vincent Casolani, il-Kollettur tal-Bejgħ ta' Artijiet, ġie mitlub biex jieħu ħsieb dan il-bejgħ. Is-somma kienet ta' £43.15s. Ix-xogħol għat-tkabbir tal-knisja nbeda kif ukoll tal-bini ta' madwarha, fosthom l-Oratorju tal-Konfraternita ta' San Publju.

Kemm Arturo Caruana[1] kif ukoll Vincenzo Bugeja[2] jsostnu li fl-1862 il-Konfratelli ta' San Publju żiedu minn flushom l-Oratorju u b'hekk il-Konfraternita kellha l-lokal tagħha fejn tiltaqa' u żżomm ħwejjiġha. Ta' min isemmi li kien f'dan l-istess Oratorju li kienet saret konsulta, taħt it-tmexxija ta' l-Arċipriet Dun Pawl Lauror (1876-87) fl-4 ta' Settembru 1883, biex tinbena l-faċċata li hemm illum, fuq disinn, ta' Dr. Nikola Zammit.

Hi d-drawwa f'Malta li f'kull Knisja Parrokkjali jkun hemm il-konfraternita tas-SS Sagrament u din il-ħtieġa nħasset fil-Furjana wkoll għalkemm il-parroċċa kienet moqdija sewwa bil-Fratellanza ta' San Publju fil-Purċissjonijiet bħal ta' Corpus, fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu', fil-Vjatku, eċċ.

*(ikompli f'paġna 21)*

Kien pass għaqli ħafna tal-ħabrieki Rettur Komm. Antonio Agius (1899-1987) li b'vot unanimu tal-Konfraternita ta' San Publju ħa ħsieb biex jamalgama mal-Konfraternita tiegħu, dik tas-S.S. Sagrament. Ir-Rikors biex dan iseħħ sar mis-Sur Victor H. Felice, bħala Segretarju tal-Konfraternita ta' San Publju, fil-5 ta' Ġunju 1953. L-Arċisqof Mons Mikiel Gonzi laqa' r-rikors — *Fiat juxta preces* — fit-3 ta' Lulju ta' 1953 u b'hekk il-Konfraternita saret magħrufa bħala Konfraternita ta' San Publju u tas-S.S. Sagrament. Ir-Rettur preżenti hu s-Sur Publio Cassar.

REFERENZA:

*1) 'Il-Furjana meħuda mill-Ħajja ta' San Publio Martri' ta' Arturo Caruana, 27 ta' April 1911.*

*2) 'Il-Ħajja tal-Prinċep Pajżan tagħna San Publju Marti' ta' Vincenzo Bugeja, 18 ta' Ġunju 1925.*

# Rendikont

Dan ir-Rendikont qed jiġi ppubblikat għas-sodisfazzjon ta' kulħadd u jinkludi d-Dħul u l-Ħruġ KOLLU (inkluża l-Festa) tal-Knisja għas-sena 1987.

F'Jannar 1987, bħalma tafu, spiċċat it-tieni ġabra waqt il-quddies li kienet issir għas-Sagristan. B'hekk sar hemm aktar serjeta' waqt il-quddies. Is-Sagristan issa għandu paga kif għandu jkun.

Is-somma ta' Lm3360,00.0 Fund Kleru hija s-somma li l-Parroċċa tibgħat f'sena l-Kurja biex jitħallsu l-Arċipriet u l-Viċi li huma ż-żewġ saċerdoti 'full timers' mal-Parroċċa biss. Il-pagi ta' l-Arċipriet u l-Viċi (inkluż il-quddies) huma ta' Lm1882,00.0 fis-sena kull wieħed.

Fuq kollox huwa rendikont tal-qalb ġeneruża tan-nies tal-Furjana.

Grazzi u prosit lill-voluntiera kollha tax-xogħol (manwali, ġbir ta' flus u għajnuna oħra) li jwettqu matul is-sena kollha (fil-Knisja, fis-Sala, fl-Uffiċċju Parrokkjali u fil-Parroċċa). Mingħajr din il-ħidma, l-infiq kien ikun ferm akbar.

Grazzi mill-qalb lill-kulħadd ta' kollox.

Dun Kalċidon Vassallo
Arċipriet

**Rendikont ta' Dħul u Ħruġ**
**għas-sena finanzjarja li spiċċat fil-31.12.87**

| | | |
|---|---|---|
| **DHUL** | | |
| Ġbir fil-Knisja | Lm | 9216.744 |
| ieħor (Festa) | | 961.000 |
| waqt Tberik | | 889.086 |
| Kontrib. għall-Knisja | | 197.670 |
| għall-Festa | | 2863.201 |
| Offerti għal servizzi | | 730.500 |
| Ċnus, Kera, qbiela | | 465.898 |
| Investimenti | | 922.940 |
| Dħul ieħor | | 165.000 |
| Dħul totali | Lm | 16412.039 |
| **HRUĠ** | | |
| Ħlasijiet: | | |
| Fund Kleru | Lm | 3360.000 |
| Sagristan | | 1976.000 |
| Pedaġġi | | 203.000 |
| Fundazzjonijiet | | 747.114 |
| Servizzi fil-Knisja | | 585.160 |
| Kontijiet: | | |
| Telephone/posta | | 116.380 |
| Ilma u Dawl | | 574.993 |
| Drittijiet tal-Bank | | 6.080 |
| Awdituri | | 130.000 |
| Għall-Funzjonijiet | | 219.460 |
| Oħrajn | | 376.440 |
| Materjal: | | |
| Ostji, Nbid u Xama | | 391.880 |
| Stationary u Stampar | | 417.350 |
| Spejjeż kapitali | | 1544.270 |
| Tiswijiet żgħar | | 326.770 |
| Manutenzjoni | | 225.050 |
| Oħrajn: | | |
| Karita | | 369.350 |
| Insurance | | 56.750 |
| Mill-Fund Raising | | 1863.600 |
| Hruġ Totali | Lm | 13489.647 |
| Dħul Totali | Lm16412.039 | |
| Hruġ Totali: | 13489.647 | |
| Bilanċ | Lm2922.392 | |

